MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2013

Numru. 1151/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Agius)**

**vs.**

**Twanny Grima**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Twanny Grima**, ta' hamsa u tletin (35) sena, iben Anthony u Anna neé Borg, imwieled Pietà fil-5 ta' Mejju 1977, residenti "St. George's Flats", Flat Nru. 1, Triq l-Isqof Pietru Pace, Paola, detentur tal-Karta ta' l-Identita' numru 0237077(M), akkuzat talli:

1. nhar l-1 ta’ Ottubru 2012 mill-kwartieri generali tal-Maltapost f’Hal Qormi, ghal habta tal-11.15 hrs, ikkommetta serq ta’ kartiera li kien fiha b’madwar € 7 fi flus kontanti, visa *credit card* tal-BOV u karta ta’ l-identita’, ghad-dannu ta’ Liam Nigel Grech, liema serq huwa aggravat bil-persuna u bil-lok;
2. fl-istess jum tal-1 t’Ottubru 2012 ghall-habta tal-11.30hrs ffroda s-somma ta’ €100 mill-ATM ta’ Cross Road, Marsa, ghad-dannu ta’ l-istess Liam Nigel Grech;

3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehudin b’qerq, jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom meta kien jaf li l-haga kienet gejja minn serq;

4. talli sar recidiv b’diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati u ohra tal-appell, liema sentenzi gew definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. “A”).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara li t-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat hija alternattiva ghall-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu f'dawn il-proceduri, il-fedina penali tieghu (li hija wahda refrattarja) u l-fatt li l-imputat gie akkuzat bir-recidiva.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, stante li gie dikjarat li din l-imputazzjoni hija alternattiva ghall-ewwel (1) imputazzjoni, wara li rat Artikoli 49, 50, 261(d), 261(e), 268(d) 269(g) u 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat Twanny Grima hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tar-raba' (4) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' tnax (12) il-xahar prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------